**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Adel G Faraj Romadan**

**Kumpilazzjoni Numru: 5/2016**

**Illum, 9 ta' Jannar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abel G Faraj Romadan detentur tal-Passaport Libjan numru: L1J6G9FR.

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Jannar 2016 u l-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'hinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-paramentru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew

mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien w f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli ndikati u cioe` l-Artikoli 8(a) u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat **Adel G Faraj Romadan** hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija flimkien ma' multa ta' hames mitt ewro (€500).

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**